**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Illum 28 ta' Frar, 2023**

**Rikors Revoka Nru: 17/2023 AF**

Fl-Atti tal-Mandat in procinctu 78/2022/2

**Sylvana Tanti**

**vs**

**Dr. Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina nominati permezz ta' Digriet tad-9 ta' Settembru 2021 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Noel Tanti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' George Fenech datat 31 ta' Jannar 2023, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija, il-Qorti ntalbet li thassar u tirrevoka *in toto* l-mandat *in procinctu* ezekuttiv mahrug fis-26 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet Sylvana Tanti vs Dr. Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina nominati permezz ta' Digriet tad-9 ta' Settembru 2021 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredità gjacenti tal-mejjet Noel Tanti (I.D. 274667M) u permezz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2022 gew kjamati fil-kawza Ramon Gusman, Gusven Services Ltd, George Fenech u Antoine Tanti.

Rat id-digriet precedenti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi mandat ezekuttiv jista' jitnehha u jithassar, sew kompletament sew *in parte*, a tenur tal-Art. 281 tal-Kap. 12 jekk tintwera raguni valida ghat-thassir mitlub. Il-ligi ma telenkax ir-ragunijiet li jistghu jiggustifikaw it-thassir kif *del resto* taghmel permezz tal-Art. 836 fil-kuntest ta' thassir ta' mandati kawtelatorju. Jibqa' ghalhekk imholli ghall-gudizzju tal-gudikant x'jista' jammonta ghal raguni valida.

Huwa mghallem mill-gurisprudenza illi att ezekuttiv jista' jigi attakkat biss jekk ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm difett fil-forma. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Zammit et vs Casha et (30 ta' Jannar 2023) u l-elenku estensiv ta' gurisprudenza hemm citata.

Dan premess, din il-Qorti tinnota illi r-ragunijiet kollha migjuba mir-rikorrenti fir-rikors tieghu huma essenzjalment l-istess ragunijiet li bihom George Fenech laqa' ghall-mandat *in procinctu* li fih gie msejjah. Huwa jenfasizza partikolarment li l-vertenza hija essenzjalment bejn Sylvana Tanti u l-eredità ta' Noel Tanti u hu qatt ma kellu sentenza fil-konfront tieghu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ir-raguni ma tiggustifikax it-thassir tal-mandat. George Fenech gie regolarment msejjah fil-procedura tal-mandat *in procinctu*, ikkontesta s-sejha tieghu bla success u l-mandat inhareg fil-konfront tieghu wkoll.

Din il-Qorti tenfasizza illi l-procedura a tenur tal-Art. 281 mhijiex appell minn decizjoni ta' Qorti ohra u din il-Qorti m'ghandhiex tiskrutinja r-ragunijiet li wasslu lill-Qorti diversament presjeduta biex tohrog il-mandat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' George Fenech maghmula fir-rikors tieghu tal-31 ta' Jannar 2023.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn George Fenech.

IMHALLEF